# Kotba ġodda bil-Malti fl-1936.

Mill-ewwel tliet xhur tagħha, is-sena 1936, uriet li ġiebet magħha riżq tajjeb għal-letteratura maltija.

Barra minn dawn il-kotba li sa nsemmu nafu b'ħafna oħra li qegħdin taħt il-mitbagħ u li ma jdumux ma jaraw id-dawl. Fosthom xi wħud li jkabbru tassew il-ġieħ tal-lsien u tal-letteratura tagħna. Ma hemmx bżonn ingħidu li dawn il-kotba huma kollha miktubin bl-ortografija tagħna.

Għall-bidu ta' din is-sena ħareġ ktieb ta' antoloġija maltija bl-isem ta' *Ward ta' Qari Malti*, ktieb ta' 235 paġna miġbur mill-Prof. Dun P. P. Saydon u mill-istudent Ġ. Aquilina u mitbugħ tajjeb fl-*Empire Press*. Il-Prof. Saydon ħa ħsieb jiġbor u jagħti t-tifsir tal-proża u s-sur Aquilina ħaseb jiġbor u jfisser il-poeżija. Dan il-ktieb igħid li hu l-ewwel ktieb ta' din il-*ġabra ta' ward ta' qari Malti* u għalhekk iwiegħed kotba oħra sbieħ daqsu jekk mhux aktar minnu. Nittamaw li jkun hekk.

Kitba ta' mhux inqas minn 41 kittieb Malti hi miġjuba f'dan il-ktieb, u għalhekk ma hemm l-ebda biża' li l-kitba li fih ma hix imżewqa u ma hix mera ta' kważi kull xorta ta' kitba maltija li sa issa dehret mitbugħa. L-edituri, megħjunin minn xi ħbieb oħra tal-Malti, għarfu jaqtgħu warda minn kull xorta ta' siġar li jinsabu mxerrda fil-ġonna maltin. Għażlu l-aħjar ġonna tagħna u qatgħu mis-siġar tagħhom ward sabiħ, ifuħ, u li jagħti s-saħħa.

Tassew li mhux minn kull għamla ta' kitba li tinsab fil-letteratura barranija nsibu f'din l-antoloġija: il-letteratura maltija għadha ma kibretx biżżejjed biex tagħti minn kull xorta, iżda, għal dan l-ewwel ktieb, dak li nġabar hu biżżejjed. Nattamaw li l-kotba l-oħra ma jdumux ma joħorġu u fihom, kif hemm imwiegħed, ikun hemm bċejjeċ iżjed għoljin u fihom ikunu jidhru kittieba oħra u xorta ta' kitba oħra, li, naħsbu aħna, ma daħlux f'dan l-ewwel ktieb bi ħsieb li jinżammu għat-tnejn l-oħra ta' wrajhom.



L-ortografija ta' dan il-ktieb hi l-ortografija magħżula, ħmistax-il-sena ilu, mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*. Kemm għenet l-ortografija tajba tal-Għaqda tagħna biex il-Malti sata' jieħu xi ftit minn dak li ħaqqu u biex il-letteratura maltija setgħet tibda tixtered, kif qiegħda tixtered, jafu kulħadd, kif ukoll kulħadd jaf, jew jista' jobsru, kemm sofriet u kemm rat ma' wiċċha biex żammet sħiħ l-ortografija tagħna fi żmien hekk imħawwad ta' taqlib politiku li għadna kemm għaddejna minnu; għalhekk f'din l-antoloġija konna nistennew li, f'waħda mill-ħafna daħliet li fih dan il-ktieb, tissemma', għallinqas, xi ftit l-istorja ta' din l-ortografija li biha hu miktub.

Warajh ħareġ ukoll, stampat fl-*Oxford University Press*, grammatka maltija miktuba bl-ingliż mir-Rev. Edmund F. Sutcliffe, S.J.. Professur f'Heythrop College: *A Grammar of the Maltese language with Chrestomathy and Vocabulary* pp. XVI + 282.

Xejn ma għanda xi ngħidu fuqha din il-grammatka ħlief kliem ta' tifħir lil dan il-kittieb li għad li qatt biss ma rifes fuq il-Gżejjer tagħna għaraf jikteb, u rnexxielu jippublika, grammatka ta' lsienna, imqassma fuq l-aħjar grammatiki moderni, dejjem skond il-ħtieġa ta' l-ilsien, mogħnija b'eżempi tajba, bi kwadri ċari ta' tifsir u bi ftit tas sintassi wara kull kapitlu. Fl-aħħar tagħha hemm krestomazija (antoloġija) żgħira, magħmula minn bċejjeċ mid-duttrina, mill-proverbi ta' M.A. Vassalli, minn bċejjeċ letterarji qodma u ġodda u mera żgħir tal-kitba ta' l-ittri, hemm ukoll vokabularju tal-kliem kollu li fiha l-krestomazija b'riferenza għar-regoli meta tinħtieġ.

Fil-bidu nett iġib biblijografija ġmielha ta' dizzjunarji, grammatki u kotba oħra bil-malti jew fuq il-malti u fid-*Daħla* jistqarr li "l-alfabet ta' dan il-ktieb hu dak maħruġ mill-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* u maħdum mill-ewliena kittieba maltin", isemmi ukoll u jfaħħar it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*(1924) maħruġ mill-Għaqda tagħna, u bir-raġun għax, milli wieħed jara, fuq dan it-*Tagħrif* huwa qagħad għar-regolf ta' ortografija, u morfoloġija għat-taqsima u għall-bini ta' din il-*Grammar of the Maltese language* tiegħu.

•„mr,Priia *Oxford University Press* ta'
Minn l-istess stamper j Elementari tal-
Londra qegħdin ^*org,*M-koft. S'iSS. ħarġu
Overn: "°nZ t S " din 'S-sena), tnejn għat-tfa. iż-żgħar
sittkotba d-b,ċċ,a, ħT,0D, għall-ewwel erba' klassijiet. Dawn
(infants) u l*ffi TMT lJZpM qabel hawn Malta, biċċa
P « u Tċċa fl-istamperija tal-Afa/fc *Chronicle,* u
kienu ngħataw f,dejn *w HdSn >u it-tfal, faxxikli, faxxikli, st malli daħal tj mill•aħj

^ hie u S e t mfnnhom, bil-kulur, barra mill-kitba
^r'ii om', hhĊom daqqa ta' għajn sabiħa! B'kollox,
dawn -ewwel sitt kotba jġibu 544 faċċata ta qan sab.ħ u
S s s ħ!n, imdaqqas għall-ħtiġijiet tat-tfal skond .1-klass. h
għaliha kull wieħed minnhom hu maħsub.

Dawn il-kotba huma maħsubin għal 1-iskejjel u mqas-
smin u mdaqqsin, kif ġa gfiedna, tarġa ogħla m.ll-oħra u
miġburin u, 1-iżjed, miktubin b'sengħa ta' w.eħed 1. għadda
ħajtu fit-tagħlim tat-tfal u li jaf il-ħtieġa ta' kull daqs ta' tfal.
Is-sur Vella, li issa qiegħed Londra għal kors ta' studji, għaraf
jinqeda bil qagħda tiegħu hemm biex jara fierġin taħt għajn-
ejh dawn il-kotba u hekk ikun jista' jagħtihom l-aħħar daqqa
t'id tiegħu ta' mgħallem.

*Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* ma tistax ma tifraħx
meta tara kotba bħal dawn miktubin blortografija tagħha
ħerġin dejjem: għax hekk qiegħda tara dejjem jitwettaq il-
ħsieb ewlieni tagħha: 1-lsien Malti maħbub u meqjum minn
kulħadd u miktub b'ortografija tajba, ortografija waħda.

F. S. C.

—Imħabba fin-nuqqas tal-wisa' kellna nħallu, kontra
qalbna, għal darb'oħra xi artikoli li xtaqna li nġibuhom
fdin il-ħarġa fosthom *"Ħasibha. tard"* tas-eur Ivo Muscat
Azzopardi u *"Taħbit u Feraħ* ta' *Ħajja"* ta' Ġużi Ghetcuti.

# OTTUBRU

**Il cader d'ogni foglia**
**ml ricorda U cader d'una speranza**
(A. GAZZOLETTI^

Ottubru tiegħi, ħlas in-niket, ejja,
ejja għal bewset is-slietna; ejja fi ħdani
ħa' ngħannqek miegħi bħala tfajjel ħelu
li jaf l-hena tad-dmugħ. Qħandi ġe' qalbi
kulma tħoss Int: għandi ġe' fija l-karba,
il-karba mdejqa lisatommi tasal
u terġa' lura ta' sikwit; nitniehed
waħdi, waħdi fis-skiet; u qatt majżernaq
darba, jew jidlam, liġe' baħar iswed
ma nħossnix mgħarraq ta' xewqat u tama.
Tfajjel, agħdirni; jiena nħobbok.... Imma
x'ġagħlek titgħarras mal-Ħarifa w magħha
taqsam il-ferħ u l-hemm ? Għidli, jewwilla
ma rajthiex isbaħ ir-Rebbiegħa, t-tfajla
tal-ward u tat-tbissim ? Qalbi tgħidhuli:
Inti tixbahni, jaħabib l Hekk jiena
bħalek, fil-tnilja ta' żgħużiti, kmieni
ma' tfajla litaf tħobb u litaf tgħanni
tgħarrast. Jisimha din il-qalb ta' qalbi
Poeżija l X itrid? Mhix għanja w sbejħa
daqs tfajliet oħra lixi wħud iħobbu:
imma jien ingħożżha; w kemm indum fid-dinja
ma nibdilha ma' ħadd! Tixbah, Ottubru,
lil għarustek għarusti, u mal-Harifa
tiegħek taqbel ukoll. Bħalha mis-siġar
ta' ħajti tiġbor waħda waħda l-weraq
mitbiel, niexef, safrani; u bħalha tgħoddh
waħda waħda t-tamiet lijinxfu u jaqgħu
minn qalbi msejkna ta' kulljum fuq l-art.

**R. r.**

26 ta' Ottubru 1935.